KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020, Għawdex - Malta

**Minuti tat-32 laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis 26 ta' Marzu, 2015 u li bdiet fl-5.20 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:-

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku: | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsillieri: | Is-Sinjura Margaret Said |
| | Is-Sur Joseph Bajada<br>Is-Sinjura Maria Cassar Sultana<br>(kienu skużati) |
| Uffiċċjali: | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Jason Curmi |
| Ambaxxatur: | Is-Sur Eric Gauci (kien skużat) |

## 1. QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-laqgħa bdiet fl-5.20 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, nqraw l-Minuti tal-laqgħa ta' qabel, Nru. 31 – 8 u dawn ġew ikkoreġuti w approvati unanimament mill-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-laqgħa saret illum minħabba li l-Kunsillier Bajada ma setax jattendi għall-laqgħa li kienet aġġornata fl-aħħar laqgħa li kellha ssir nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu 2015 minħabba raġunijiet personali. L-Kunsillier Bajada reġa nforma lis-Sindku u anke lis-Segretarju Eżekuttiv li xorta ma setgħax jattendi llum. Il-Kunsilliera Cassar Sultana nfurmat lis-Segretarju Eżekuttiv ftit ħin qabel il-laqgħa llum stess li ma setgħetx tattendi minnħabba raġunijiet personali urġenti u li ma kienx hemm kontroll fuqhom. Għalhekk dawn iż-żewġ Kunsilliera ser jitqiesu skużati mill-laqgħa tal-lum.

*Mill-Minuti*

Dwar il-qlugh tal-pajp għal Ġibjun fi Triq il-Kbira, s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kuntrattur għadu ma għamel xejn. Barra dan is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv marru l-Għassa tar-Rabat fejn tkellmu mal-Ispettur tal-Pulizija dwar dan il-każ u dan ta l-parir li l-

Kunsill għandu jerġa jinforma lill-Kuntrattur bl-Avukat tal-Kunsill u jekk ikun il-każ l-Avukat jinforma lill-entitajiet konċernati dwar il-każ. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar Triq tal-Gruwa fejn qed isiru ix-xogħolijiet tal-pajp line mill-Qala għal ġibjun il-Kbir Ta' Ċenċ, hemm il-possibilta li jsiru pajpipiet oħra għal water culvert ma dawk li għaddew dan l-aħħar. Il-Perit Bigeni, il-persuna nkarigata minn dawn ix-xolgħojiet qed jissugerixxi li dawn il-pajpijiet jgħaddu minn ġo l-egħlieqi tan-nies peress li taħt it-triq ma tantx hemm spazzju għal dawn il-pajpijiet. Is-Sindku qed jissuġġerixxi li dawn il-pajpijiet jgħaddu minn taħt il-ħitan tas-sejjieħ li hu wiesgħa kważi metru iżda s-Sindku qal li l-Perit ma qabilx.

Dwar ix-xogħlijiet li qed isiru taħt Miżura 313 fuq Pjazzetta tax-Xelina il-Kuntrattur għadda l-pajpijiet tal-ilma l-ġodda. Issa jmiss li l-W.S.C. tagħmel it-testjar tal-ilma biex tiċċekja li l-ilma hu ta' livel tajjeb. Is-Sindku spjega kif ser isir dan ix-xogħol tal-water culvert fejn qal li fejn hemm Maria's Bar fi triq ser isiru gradilji/gaters għall-ilma li jinżel mill-plots u l-inħawi t'hemm fuq, oħrajn bħalhom ser isiru fil-bidu ta' Triq Dun Xand Aquilina u oħrajn l-isfel fl'istess triq. Il-water culvert fi Triq Dun Xand Aquilina se jkun forma ta Y shape miż-żewġ naħat tat-triq Dun Xand Aquilina bejn Dwardu's Butcher Shop. Is-Sindku qal li għal issa dan il-water culvert se jkun magħluq sakemm jibda u jitlesta x-xogħol fi Triq Sannat biex il-water culvert jagħqad ma dak li se jsir fi Triq Sannat. Dwar Triq Sannat is-Sindku qal li l-Ministeru għal Għawdex għaddew id-dokument tat-Tender lid-Dipartiment tal-Kuntratti għal approvazzjoni tagħhom.

## 2. Il-Baġit 2015

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta lill-Kunsill il-Bagit għas-sena 2015 mhejji minnu u mill-Accountant. Kien hemm qbil mill-membri preżenti tal-Kunsill li fejn ikun meħtieġ isiru l-aġġustamenti meħtieġa.

## 3 Jum Sannat / Premju Ġieħ Sannat 2015

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħas-sena l-oħra l-Kunsill ser jorganizza Jum Sannat / Premju Ġieħ Sannat nhar is-Sibt 25 ta' April 2015, fil-sala tal-konferenzi fil-Hotel Ta' Ċenċ b'kunċert mtellgħa mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita u għalhekk hu meħtieġ li jinħatar bord tal-evalwazzjoni għall-applikazzjonijiet tan-nominazzjonijiet tal-Premju Ġieħ Sannat 2015. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kumitat ikun kompost minn tlett membri u talab lill-Viċi Sindku, lill-Kunsilliera Margaret Said u lill-Kunsillier Joseph Bajada biex ikunu huma l-membri. Il-Kunsillieri preżenti aċċettaw filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lill-Kunsillier Bajada peress li ma kienx preżenti. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet għan-nominazzjonijiet jgħalqu nhar it-Tnejn 6 ta' April 2015 f'nofsinhar u li sa ssa kull ma daħlet nominazzjoni waħda biss. Is-Segretarju għandu jaħseb għall-P.A. system u compere.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li nhar it-Tlieta 28 ta' April 2015 l-iskola primarja Ta' Sannat ser torganizza Field Day fejn il-Kunsill se jgħin f'din l-attivita' billi jixtri l-frott, l-ilma u l-kotba għat-tfal. Hu talab lill-Kunsillieri kif kien mitlub mill-Kap tal-iskola biex jattendu għal din l-attivita'.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsillieri li nhar it-Tlieta 28 ta' April 2015 fis-7.300 bħas-soltu, fil-Knisja Parrokkjali tiġi kkonċelebrata l-quddiesa b'radd il-ħajr f'egħluq it-327 sena mit-twaqqif tal-parroċċa għalhekk stieden lill-Kunsillieri biex jattendu.

Il-Kunsilliera Margaret Said talbet lill-Kunsill biex torganizza ħarġa għal Malta bħala attivita mall-avveniment ta' Jum Sannat nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2015. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex tfassal programm għal din il-ġita.

## 4. Għoti tal-offerta ta' kostruzzjoni ta' bankini (Tender SNT 05/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta u qara r-rapport imħejji mill-Perit tal-Kunsill tal-offerta tal-kostruzzjoni ta' bankini, fejn kien jgħid li l-aktar offerta vantaġġuża kienet ta' Vella Bros. Ready Mix Ltd. Il-Perit qal u ssuġġerixxa li hi l-orħos. Is-Sindku qal li l-materjal għax-xogħolijiet bħal kurduna u madum għal bankini bħalissa għandu jintalab lill-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel li din l-offerta għandha tingħata lil dan il-kuntrattur.

## 5. Bord tal-Aġġudikazzjoni ta' Tender 01/2015 (Provista u nstallazzjoni tal-għamara fi Pjazzetta tax-Xelina M.313)

Is-Segretaju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Offerta għal provista u nstallazzjoni tal-għamara fil-Pjazzetta tax-Xelina (Miżura 313 – 2nd call) ser tagħlaq nhar il-Ġimgħa 10 ta' April 2015 fil-11.00 a.m., għalhekk għandu jinħatar bord tal-evalwazzjoni għal din l-offerta. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-bord għandu jkun kompost minnu bħala Chairman u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala uffiċċjal u mill-membri l-Avukat tal-Kunsill Dr Larry Formosa, mill-Perit Brian Curmi u mill-Perit Gordon Vella. Il-Kunsill qabel dwar dan il-bord li għandu jkun kompost minn dawn il-persuni.

## 6. Car Show 2015

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Car Show 2015 ser isir nhar il-Hadd 7 ta' Ġunju 2015 fil-Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill għandu jaħseb għal P.A. system u ċ-ċertifikati għal parteċipanti. Il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-korp tal-Pulizija u l-Gwardjani Lokali. Din l-attivita' ser isir għar-raba' darba b'risq Puttinu Cares.

## 7. Materja Oħra

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sinjorina Carmen Azzopardi ta' Triq il-Kbira qed titlob lill-Kunsill li jsir disabled parking quddiem id-dar tagħhom. Is-Sindku qal li hu spegalha kif inhu d-disabled parking u x'għandha bżonn biex dan isir, hu qal li qallha wkol li kull persuna disabled tista tipparkja jekk ikollha l-blue sticker f'dan l-ispazzju ta' parkeġġ. Il-Kunsill xorta qabel li jsir disabled parking peress f'din l-area ma hemmx.

2. Is-Sindku qal lill-Kunsill li hemm il-bżonn li ssir laqgħa apposta ma Transport Malta dwar il-parkeġġ fi Triq il-Kbira u traffic managment ieħor f' Ta' Sannat. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab biex jirranġa appuntament biex issir din il-laqgħa.

3. Is-Sindku qal li dwar il-Ġemellaġġ ma' Pisoniano hu ċempel lis-Sindku ta' Pisoniano fejn infurmah li din is-sena l-ġemellaġġ se jgħalaq għaxar snin u stiednu biex issir tifkira ta' din l-okkażżjoni f' Ta' Sannat. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu għandu jirċievi minn għand s-Sindku ta' Pisoniano.

4. Is-Sindku u l-Kunsillieri qalu li l-Laqgħa Annwali Pubblika li kellha ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Frar 2015, fis-6.30 p.m., fil-bini amministrattiv tal-Kunsill ma saritx peress li ma attenda ħadd. Il-Viċi Sindku ssuġġerit li għas-sena li jmiss jintbgħat avviż f'kull residenza. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dawn kienu jitbgħatu u xorta ma kienux jattendu.

5. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'imejl dwar Aqra miegħi/Read with me li se jkun mmexxi mill-Ministeru tal-Edukazzjoni bla ħlas kull nhar ta' Sibt bejn id-9.30 a.m. u l-10.30 a.m. fis-sala tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li dawn is-sezzjonijiet isiru fil-Kunsill.

6. Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li rċieva imejl mibgħuta mill-ETC dwar laqgħa għal persuni bi bżonnijiet speċjali biex ikunu jistgħu jidħlu fid-dinja tax-xogħol.

7. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'imejl mingħand l-Agenzija Żgħazagħ dwar Proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ.

8. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'imejl dwar taħdidiet Program ta' Primary Health Care bi ħlas.

9. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'ittra mingħand is-Segretarju tal-banda dwar il-kuntratt tal-latrina pubblika u x'qed jiġri dan l-aħħar fil-latrina pubblika fejn qak li hemm xi individwi li mhux qed jagħmlu użu mill-latrina kif suppost. Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri preżenti kkundannaw dan l-aġir u qallu li dan il-kuntratt għandu jiġi onorat kif mitlub. Ma hux ġust li mall-ħażin jeħel it-tajjeb u din il-latrina pubblika għanda tinżamm kif mitlub fil-kuntratt aktar u aktar meta l-Kunsill Lokali għamel spejjeż ta' rinovazzjoni fiha.

10. Il-Kunsilliera Margaret Said staqsiet dwar x'kien sar mill-għotja tal-film. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill b'imejl mingħand il-Kummissarju tal-films biex il-laqgħa ssir f'Malta.

11. Saret Laqgħa mas-Sur Russell Muscat tal-WSC dwar il-proġett ta' Mġarr ix-Xini.

12. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif kien mitlub li jsir fil-laqgħa preċedenti saret laqgħa mad-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Triq Gerxija li għalija attendew il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Margaret Said. Is-Sindku qal li meta wera r-ritratti ta' din it-triq lid-Direttur u l-Perit tas-Segretarju Parlamentari qablu li din hi it-triq hija priorita li ssir. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Perit tal-Kunsill biex issir stima ta' din it-triq u tintbgħat lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

13. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu attenda għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni tal-iskola Primarja Ta' Sannat.

14. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill biex il-Kunsill javiża li fl-Uffiċċju tal-UNESCO fix-Xewkija kull nhar ta' Erbgħa qed jitħallsu l-kontijiet tal-ARMS Ltd. u dwar l-uffiċċju tas-Sigurta Soċjali kull nhar ta' Ħamis fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

15. Il-Kunsill qabel li meta kien ra l-istima li l-Kunsill kien talab għall-bozza fi Triq tal-Gruwa ħdejn il-farm, il-Kunsill qabel li din isir il-bozza biss u mhux it-trinka.

16. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li nxtraw 2 żraben u 5 vests għal ħaddiema tal-ETC mall-Kunsill.

17. Rigward l-ingaġġ tal-iskrivan/a back to back skala 15, il-Kunsill qabel li jwaqqaf il-proċess għal dan il-post vakanti.

**8. Ilmenti u suġġerimenti**

1. Is-Sinjura Said irrimarkat li fil-playing field ta' Triq Marziena hemm il-ġrieden. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-uffiċċju ġa ħa azzjoni mmedjata billi avża lid-Dipartiment tas-Sanita u dawn għamlu t-tosku man-naħa ta' barra ta dan il-playing field.

2. Is-Sur Joseph Farrugia li joqgħod 83, Windchimes, Triq Saguna, qed jilmenta li quddiem id-dar tiegħu hemm ħofra kbira u li xħin tintela bl-ilma u jgħaddu l-karozzi qed itajru l-ilma għal faċċata tad-dar tieghu u riżultat ta hekk il-faċċata swiedet. Il-Kunsill qabel li din il-ħofra tingħata l-patching.

3. Is-Sur Spiro Muscat u s-Sur Joe Quatromani ta' Triq Paraniji qed jilmentaw li fil-garaxxijiet tagħhom għandhom problema kbira ta' umdita u tixrib ta' ilma x'aktarx mill-bankina. Il-Kunsill għandu jara dan bil-Perit tal-Kunsill.

**9. Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gven Lokali**

Memos tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali

MEMO 5/2015 - Skema ta għajnuna finanzjarja għall-korsijiet Lifelong Learning 2015-16

**10. Approvazzjoni ta' ħlasijiet**

Is-Segretaju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 15 biex jiġu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċetata mill-Kunsill. Kopja ta din l-iskeda qed tiġi mehmuża ma dawn il-minuti.

**11. Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.42 p.m., u l-Kunsill iddeċieda li laqgħa oħra ser isir nhar il-Ħamis 16 ta' April 2015, fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Jason Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**